13 ta' Ottubru, 1954.

Imhallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Giovanni Gauci pr. et ne. et. *versus* Nutar Dr. Vincenzo Gatt ne.

**Taxxa tas-Suċċessjoni — Kollettur tat-Taxxi Interni — Ġudizzju ta' Stima — Preskrizzjoni — Dekadenza — Art. 19, 20, 32 u 46 tal-Kap. 70.**

*Il-Kollettur tat-Taxxi Interni għandu l-poter li jipproċedi għal likwidazzjoni "ex officio" tal-valur suġġett għat-taxxa tas-suċċessjoni fi tliet każijiet; jiġifieri (a) meta l-persuna li għandha tagħtih l-informazzjonijiet meħtieġa u l-provi tonqos volontarjament, jew tirrifjuta, li tagħtih dawk l-informazzjonijiet u provi, meta jitlobhomlha, jew tagħtihomlu b'mod mhux ċar jew li bih tkun trid taħrab il-mistoqsijiet tiegħu, (b) meta jkun hemm minn naħa ta' l-istess persuna nuqqas totali jew parzjali tad-denunzja, (c) u meta l-persuna denunzjanti tiddikjara bil-ġurament quddiem il-Kollettur li ma tafx kemm hu l-valur tal-ġid jew tad-drittijiet, jew l-ammont tal-kapitali jew tal-krediti, li għandhom jidħlu fid-denunzja.*

*Għalhekk, jekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jkun aċċetta u approva l-likwidazzjoni tal-valur ta' l-oġġetti denunzjati, u jkun intaxxa l-assi ereditarju fuq il-bażi tad-denunzja li tkun saret, ma jistax jgħaddi għal "assessment" ġdid "ex officio" għas-sempliċi raġuni li huwa, wara, jifforma dubju serju dwar il-korrettezza ta' l-istimi li jkunu akkompanjaw id-denunzja u li kienu ġew aċċettati mill-Kollettur, u li fuqhom huwa jkun intaxxa l-assi ereditarju.*

*Dan però, ma jfissirx illi l-likwidazzjoni hekk magħmula mill-Kollet-*

*tar hija finali u definitiva; imma l-Kollettur għandu mezzi oħra biex jipproċedi kontra l-kontribwent li jkun ippreżentaħu xi denunzja, anki meta huwa jkun ġa approva dik id-denunzja; liema mezzi huma ta' żewġ xorta, u jiddifferixxu wieħed mill-ieħor skond jekk il-Kollettur ikollux jew le raġunijiet biex jissuspetta illi l-insuffiċjenza tal-valur dikjarat hi dovuta għall-intenzjoni ta' evażjoni ta' l-imposta.*

*Jekk il-Kollettur ma jkollux dak is-suspett tal-mala fede tal-kontribwent, l-unika proċedura li jista' jsegwi hija dik tal-ġudizzju ta' stima, li tista' tiġi provokata minnu b'rikors lill-Qorti ta' l-Appell fi żmien tliet xhur minn meta jkun sar il-ħlas kollu tat-taxxa likwidata fuq il-valur denunzjat, bla ħsara tad-dispożizzjoni tal-liġi dwar il-preskrizzjoni tat-talba għall-ħlas tat-taxxa li tkun għad għandha titħallas, kollha jew biċċa minnha.*

*Dan it-terminu huwa terminu ta' dekadenza, u mhux ta' preskrizzjoni.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-atturi fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, wara li jippermettu illi huma kienu ppreżentaw lill-konvenut nomine, fis-17 ta' Jannar 1950, denunzja ta' l-assi ereditarju ta' l-Illustrissimu u Reverendissimu Monsinjur Giuseppe Maria Vassallo, li miet f'Notabile fit-28 ta' Lulju 1949, u f'dina d-denunzja kienu inkludew żewġ stimi sabiex jillikwidaw il-valuri tal-pitturi, inċiżjonijiet, kotba, ġjojjelli u oġġetti prezzjużi formanti parti ta' dan l-assi ereditarju, u kienu llikwidaw il-valur tal-mobilja fuq il-bażi ta' ħamsa fil-mija (5%) tal-valur nett ta' dana l-assi; u illi l-konvenut nomine kien aċċetta l-likwidazzjoni tal-valur ta' dawn l-oġġetti kif denunzjati mill-istess atturi, u fil-31 ta' Jannar 1950 kien intaxxa l-assi ereditarju imsemmi fuq il-bażi ta' dina l-istess denunzja; u illi l-konvenut nomine sussegwentement, u relativament biss għall-kwoti spettanti lillhom, u mingħajr ebda ġustifikazzjoni legali, reġa' illikwida l-valur ta' l-oġġetti ndikati b'mod li awmenta l-istess valur, u fid-29 ta' Settembru 1951 reġa' ntaxxa mill-ġdid l-assi ereditarju fuq imsemmi; jiolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi dikjarat u deċiż illi l-likwidazzjoni u tassazzjoni magħmula mill-konvenut nomine fil-31 ta' Jannar 1950 hija finali u definitiva, u illi kon-

segwentement l-alterazzjoni bigħla magħmula mill-konvenut nomine fid-29 ta' Settembru 1951 hi nulla u ta' ebda effett legali. Bl-ispejjeż. Il-konvenut ġie mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mid-dibattitu orali u mill-kontenut tan-nota tal-konvenut (fol. 33), li mieghu qablu l-atturi (fol. 34), jirriżulta illi l-partijiet jaqblu fuq il-fatti tal-kawża, li huma dawn;

Fis-17 ta' Jannar 1950 l-atturi pprreżentaw lill-konvenut id-denunzja ta' l-assi ereditarju ta' Monsinjur Giuseppe Maria Vassallo, u fiha inkludew żewġ stimi, waħda magħmula minn Vincenzo Bonello relativa għal-likwidazzjoni tal-valur tal-pitturi, inċiżjonijiet u kotba, u l-oħra relativa għal-likwidazzjoni tal-valur tal-ġojjelli u oġġetti prezzjużi, li ġiet magħmula minn Goffredo Pace. Il-valur tal-mobilja ġie minnhom kalkolat u likwidat fuq il-bażi tal-ħamsa fil-mija (5%) tal-valur nett ta' l-assi ereditarju;

Din il-likwidazzjoni ġiet aċċettata mill-konvenut, li fil-31 ta' Jannar 1950 intaxxa dak l-assi fis-somma ta' £1811. 1s. 7d. Sussegwentement l-attur, flimkien ma' l-eredi l-oħra, għamlu diviżjoni tal-mobbli fuq imsemmija. L-eredi l-oħra ħadu l-kwoti rispettivi tagħhom in natura. L-atturi biegħu flimkien b'irkant publiku l-kwoti rispettivi tagħhom mill-istess mobili, u minn dan il-bejgħ b'irkanti, li sar f'Diċembru 1950, huma rrealizzaw ammont akbar minn dak li kien jirriżulta mill-istimi li ssemmew;

Fl-14 ta' Mejju 1951 l-atturi ħallsu £1808. 12. 6 lill-konvenut a saldu ta' l-imgħax sa dak inhar u akkont tat-taxxa fuq imsemmija. Fid-29 ta' Settembru 1951 il-konvenut għamel "ex officio" assessment ġdid fuq il-valuri ġodda kif realizzati mill-atturi f'dak il-bejgħ b'irkant, u reġa' illikwida l-valur tal-mobili mibjugħa mill-atturi in bażi ta' l-ammont minnhom realizzat f'dak il-bejgħ, u illikwida l-valur tal-mobbli mhux mibjugħa mill-atturi fl-istess bejgħ fuq il-bażi ta' l-imsemmijin stimi, kif kien għamel oriġinarjament għall-mobbli kollha;

L-assessment ġdid ġie mill-konvenut stabbilit fis-somma ta' £4752. 16. 3. *Fit-22 ta' Jannar 1952 l-atturi ħallsu lill-*

konvenut £2650 obra akkont; liema blas ghamluh bla pregudizzju tad-drittijiet li jgibu 'l quddiem ir-reklam taghhom quddiem dina l-Qorti. U appuntu b'din il-kawża l-atturi qeghdin javanzaw dan ir-reklam, billi jippretendu illi, ladarba l-konvenut kien aċċetta l-ewwel likwidazzjoni tal-valur tal-mobili preżentata u denunzjata lilu minnhom, tant illi huwa kien intaxxa l-assi ereditarju fuq il-bażi ta' dik id-denunzja, huwa ma setax, kif ghamel, jerġa' jintaxxa "ex officio" b'mod iehor l-istess assi. Il-konvenut jallega illi huwa kellu d-dritt jitlob supplement tat-taxxa fit-termini tal-liġi minnu ċitata;

Ikkunsidrat;

Illi mhux kontestat illi l-konvenut kien aċċetta u approva l-likwidazzjoni tal-valur ta' l-oġġetti denunzjati mill-atturi, u kien intaxxa l-assi ereditarju msemmi fiċ-ċitazzjoni fuq il-bażi ta' din id-denunzja; imma meta sar jaf bir-riżultat talbejgh fl-irkant, il-konvenut iffurma dubju serju dwar il-korrettezza ta' l-istimi li akkompanjaw id-denunzja (para. 5 nota tal-konvenut fol. 33), u ghalhekk huwa ghadda ghal assessment ġdid "ex officio" fuq dawk il-valuri ġodda (para. 3 nota ċitata);

Illi skond il-liġi, il-Kollettur tat-Taxxi Interni ghandu l-poter li jipproċedi ghall-likwidazzjoni "ex officio" tal-valur soġġett ghat-taxxa fi tliet każi:— (a) Meta l-persuna li ghandha taghtih l-informazzjonijiet mehtieġa u l-provi tonqos volontarjament, jew tirrifjuta, illi taghtih dawk l-informazzjonijiet u provi meta jitlobhomlha, jew taghtih dawk l-informazzjonijiet b'mod mhux ċar jew li bih tkun trid tahrab il-mistoqsijiet tieghu; (b) meta jkun hemm min-naha ta' l-istess persuna nuqqas totali jew parzjali tad-denunzja; (c) u meta l-persuna denunzjanti tiddikjara bil-ġurament quddiem il-Kummissarju illi ma tafx kemm hu l-valur tal-ġid jew taddrittijiet, jew l-ammont tal-kapitali jew krediti li ghandhom jidhlu fid-denunzja (art. 19 u 20 Kap. 70 LL. ta' Malta). Ma jirriżultax illi fir-rigward ta' l-atturi kien jittratta minn xi wiehed minn dawn it-tliet każi; u ghalhekk ir-raġuni li ghaliha l-konvenut ghadda ghall-likwidazzjoni "ex officio" tal-valur suġġett ghad-denunzja, dik, jiġifieri, biss ghaliex huwa ffurma dubju serju dwar il-korrettezza ta' l-istimi li akkom-

panjaw id-denunzja ta' l-atturi—raġuni li mhix waħda kontemplata fit-tliet każi ġà msemmijin—ma kienetx biżżejjed, u ma setgħetx tintitolah biex huwa jgħaddi għal assessment ġdid "*ex officio*" *fuq il-valuri ġodda.* *B'dan il-mod l-alterazzjoni* tal-likwidazzjoni u tassazzjoni magħmula mill-konvenut "*ex officio*" *fid-29* ta' Settembru 1951, hi nulla u ta' ebda effett legali;

*Ikkunsidrat;*

Illi dak li ntqal ma jġibx, waħdu, għall-konsegwenza illi l-likwidazzjoni magħmula *mill-konvenut* fil-31 ta' Jannar 1950 hi finali u definitiva. Tabilħaqq, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni għandu l-mezzi mogħtija lilu mill-liġi biex bihom ikun *jista' jipproċedi kontra l-kontribwent li jkun ippreżentalu* xi denunzja, u dan anki jekk huwa jkun ġà approva dik *id-denunzja*, jekk ikollu raġunijiet li jġagħluh jissuspetta illi kien hemm valutazzjoni insuffiċjenti f'dik id-denunzja. Dawn il-mezzi huma ta' żewġ xorta, u jiddifferixxu wieħed mill-ieħor skond il-każ; jekk il-Kollettur ma jkollux raġunijiet biex jissuspetta illi l-insuffiċjenza tal-valur *dikjarat* hi dovuta għall-intenzjoni ta' evażjoni ta' l-imposta, allura l-unika *proċedura* li huwa għandu jsegwi hi dik tal-ġudizzju ta' stima, *skond* l-art. 32 tal-liġi *fuq imsemmija; jekk* imbagħad il-Kollettur ikollu raġunijiet biżżejjed biex jissuspetta illi dik l-insuffiċjenza tal-*valur dikjarat* hi dovuta għall-intenzjoni frawdolenta tal-kontribwent li jevadi dik l-imposta, huwa jkun jista' jaġixxi fit-termini ta' l-art. 46 ta' l-istess liġi (Vol. XXV—I—181);

Illi, fil-każ taħt konsiderazzjoni, il-konvenut jddikjara, fil-paragrafu 5 tan-nota tiegħu (fol. 33), *illi, meta* l-atturi ppreżentaw id-denunzja, huwa ma ssuspettax, u lanqas il-lum ma għandu raġunijiet biex jaħseb, illi kienu "in mala fede". Għalhekk, l-unika *proċedura* li seta', *u* li kellu, *isegwi* l-konvenut kontra l-atturi, meta sar jaf bir-riżultat tal-bejgħ b'irkant *fuq imsemmi*, kienet dik tal-ġudizzju ta' stima kif dettata mill-art. 32 ta' l-imsemmija liġi. U skond din id-dispożizzjoni tal-liġi, dan il-ġudizzju għandu jiġi provokat mill-Kollettur tat-Taxxi Interni b'rikors lill-Qorti ta' l-Appell fi żmien ta' tliet xhur minn dak in-nhar tal-ħlas kollu *tat-taxxa* likwidata fuq il-valur denunzjat, bla ħsara tad-dispożizzjoni ta' l-art. 46

dwar il-preskrizzjoni tat-talba għall-ħlas tat-taxxa li tkun għad għandha titħallas, kollha jew biċċa minnha;

Illi, kif ġà ntqal, l-atturi fl-14 ta' Mejju 1951 ħallsu £1808. 12. 6 a saldu ta' l-imgħax sa dak in-nhar u akkont tat-taxxa oriġinarjament likwidata; u fit-22 ta' Jannar 1952 huma ħallsu £2650 oħra akkont ta -taxxa kif magħmula "ex officio" mill-konvenut. B'dan l-aħħar ħlas għandu raġjonevolment jitqies illi fit-22 ta' Jannar 1952 l-atturi effettwaw il-ħlas kollu tat-taxxa oriġinarjament likwidata mill-konvenut, u għalhekk dan kellu tliet xhur żmien minn din l-aħħar data biex jipprovoka kontra l-atturi l-ġudizzju ta' stima fuq imsemmi; liema proċedura l-konvenut ma pprovokax, u lanqas jista' issa jipprovokaha;

Tabilħaqq, hu biżżejjed magħruf li dan it-terminu ta' tliet xhur mhux terminu ta' preskrizzjoni, imma hu terminu ta' dekadenza. F'dan is-sens, ladarba l-konvenut ma għandux aktar mezz biex jaġixxi kontra l-atturi għall-pretiża insuffiċjenza fil-valutazzjoni tad-denunzja preżentata lilu minnhom, il-likwidazzjoni u tassazzjoni magħmula mill-konvenut fil-31 ta' Jannar 1950 għandha titqies bħala finali u definitiva;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddikjara (1) illi l-konvenut ma setax jagħmel "ex officio" l-likwidazzjoni u tassazzjoni tad-29 ta' Settembru 1951, u għalhekk tiddeċidi illi dik il-likwidazzjoni u tassazzjoni hi nulla u ta' ebda effett legali; (2) illi l-konvenut ma għadux fiż-żmien li jipprovoka l-ġudizzju ta' stima fuq imsemmi, u għalhekk tiddeċidi illi l-likwidazzjoni u tassazzjoni magħmula mill-konvenut fil-31 ta' Jannar 1950 għandha titqies bħala finali u definitiva;

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut nomine.